fırxitilha fuqha biċċa bajda, u qalet l-aħħar kelmiet: "Sejra nħallik, Ċeċilja! strieħ bis-sliema! Il-lejla niġu aħna wkoll, biex nibqgħu għal dejjem flimkien. Itlob sakemm indumu hawn għalina; għax jien ukoll nitlob għalik u għall-oħrajn." Imbagħad iddur mill-ġdid fuq il-*monatt*: "int." qaltlu, "meta tgħaddi minn hawn il-lejla, itla' ħu lili wkoll, u mhux lili waħdi."

Kif qalet hekk, reġgħet daħlet id-dar, u, wara kemm ftit, xirfet mit-tieqa żżomm fuq dirgħajha tfajla oħra iżgħar, ħajja, imma bil-mewt fuq wiċċha. Waqfet tħares dik id-difna hekk mhux xierqa, sakemm il-karru ma ċċaqlaqx, sakemm setgħet tilbqu b'għajnejha; imbagħad għabet. X'setgħet għamlet ieħor, hlief li qiegħdet fuq is-sodda l-waħda li kien għad fadlilha u mteddet ma' ġenbha biex imutu flimkien? bħall-warda, li faret fuq iz-zokk, taqa' flimkien mal-warda ż-żgħira li għadha ma bexxqetx, għall-mogħdija tal-minġel li jġib f'wieħed il-ħxejjex kollha tal-marġ.

---

**LIEMA ....?**

**BEJN IS-SENA 1940 U L-1943**

*Ta'* DUN KARM

Malta tiegħi, jien rajtek filgħaxija
Tiġġerra max-xtajtiet u t-triqat tiegħek;
Tilbes, titkellem, tidħak bla mistħija
U fi mħabbiet bla ġieh, belha, titmiegħek.

Iżda rajtek ukoll, mara għaqlija,
Tmsatar f'libsa rżina sa fuq driegħek,
Fid-Dar t'Alla titnaddaf minn kull ħtija
U titlob lil Ġesù li jibqa' miegħek.

U jiena ħsibt, u l-ħsieb wasal fi lsieni:
Liem' huwa l-wiċċ tassew ta' Malta tagħna?
L-ibleh ta' l-ewwel, jew l-għaqli tat-tieni?

Lehen moħbi weġibni dak il-ħin:
Tat-tieni l-wiċċ sabiħ ta' l-Art Setgħana:
L-ieħor maskra li ġiebu l-barranin.

31/XII/43.



# INSEWWU L-IZBALJI TAGHNA

*Ta'* BROTHER AMEDY

IN-NIES tassew kbar li qatt dehru fid-dinja huma l-qaddisin, għax biex wieħed ikun jistħoqqlu jissejjaħ kbir għandu jieħu suret Kristu, li hu l-akbar bniedem, l-ewlieni, il-waħdieni.

L-ewwelnett inħarsu lejn Sidna Ġesù Kristu nnifsu: Ġesù kien jitkellem biss b'ilsien il-ġens Lhudi, li f'dak iż-żmien kien l-Aramajk. Għad li Iben-il-Bniedem kien jiġbor fih kull għerf u kull tagħlim, Hu qatt ma wera l-iċken tkasbir lejn Ilsienu, Hu qatt ma ċaħdu. Jekk il-Grieg u l-Latin kienu l-ilsna ta' ġnus miżmumin bħala ċ-ċivilizzaturi tad-dinja, Ġesù qatt ma żżattat billi nqeda bil-Grieg jew bil-Latin. Hu tkellem biss bl-Aramajk li fi żmienu kien l-ilsien mitkellem fil-Palestina.

Jekk inqalibu l-Evanġelju Mqaddes nintebhu, li l-egħdewwa ta' Ġesù għajruh u saħansitra xlewh li kien xewwiexi, ħajjen, imxajtan. Qatt ħadd imma ma liemu li xaqleb mar-Rumani, li ħabb u tkellem ilsienhom. Ġesù ma deherlux li lsien ir-Rumani kien isbaħ, ogħna u ogħla minn ilsienu, għax bħala bniedem-Alla kien jifhem biżżejjed li kull ilsien għandu ġmielu, kull ilsien hu nobbli, għax l-ilsna kollha huma ħlejjaq t'Alla.

Mela nħobbuh il-Malti. Ma nghidux li ilsna oħra huma isbaħ minnu... li l-Malti hu fqajjar, dgħajjef, ruħu fi snienu... għax l-ewwelnett mhux minnu u t-tieni, għax li kieku Ġesù twieled fostna, kien żgur u bla dubbju ta' xejn, jitkellem biss u dejjem bil-Malti.

Tafu x'għandu l-Malti kontrieh? Ħaġa waħda biss: li min missu għenu meta ħasel igħejja, ilibbsu u jżejnu meta beda jiftaqar, aktar issokta tah id-daqqa tal-mewt, kasbru u rmieh. Ġesù qatt ma għamel praspar bħal dawn lill-poplu tiegħu, għax Hu ġie fost ħutu biex igħallimhom u mhux le biex jurihom kemm kien jaf!

Nisimgħu għaldaqstant minn twissijiet Dun Karm, l-akbar poeta tagħna, li b'qalbu mnikkta quddiem ħajnet l-egħdewwa tal-Malti jmur itenni:

"Għaliex immela tiċħad, Malti ħija
lil dan l-ilsien li bih int Malti sewwa?